MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru 146/2015

Il-Pulizija

Spettur Jason Francis Sultana

vs

Justin Coleiro

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 125292M akkuzat talli:

1. nhar l-4 ta' Mejju 2015, ghall-habta ta' 0215hrs, gewwa l-Gzira zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-

Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet formulata lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ghamel reat li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta'sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin moghtija mill-Magistrat Dr.Claire Starfrace Zammit LL.D. nhar l-10 ta' Novembru 2015;
4. b'hekk irrenda ruhu recediv ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistghax tigi mibdula u dan bi ksur ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra ;

Rat l-ordni mahrug mill-Avukat Generali li l-kawza tinstema minn din l-Qorti.

Fuq din l-ammissjoni, volontarja u inkondizzjonata, ssibu hati.

Rat l-Artikolu 22 tal-Kap 101. Tiddeciedi li tillberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum. Tordna li s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin b'sentenza tal-10 ta' Novembru 2015 tibqa' fis-sehh tali li l-perjodu operattiv taghha jibda jsehh mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------